# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-2 ta' Mejju, 2017.**

**Rikors Numru 76/2017**

**Renald Micallef**

**vs.**

**Paul Caruana**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat l-24 ta' Jannar, 2017, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi l-kawza fl-ismijiet premessi giet deciza fit-30 ta' Mejju, 2003, (ara foll 2);

1.2. Illi jirrizulta li ma sar l-ebda appell mill-istess, (ara foll 6);

1.3. Illi mis-sentenza *de quo* ghaddew aktar minn ghaxar (10) snin;

1.4. Illi minn dak iz-zmien l-intimat baqa' iwieghed li kien ser ihallas l-ammont hemm kanonizzat skont it-termini tal-istess sentenza;

1.5. Illi *nonstante* tali weghdiet, baqa' inadempjenti;

1.6. Illi ghalhekk kien kostrett jadixxi din il-qorti biex ikun jista' jesegwixxi s-sentenza *de quo*;

1.7. Illi ghalhekk jitlob lil din il-qorti biex:

1.7.1. Tirrendi esegwibbli s-sentenza fl-ismijiet Renald Micallef vs. Paul Caruana, (Citazzjoni Numru: 2435/1998, datata t-30 ta' Mejju, 2003;

1.7.2. Bl-ispejjez;

2. Tirrileva li l-intimat kien debitament notifikat bir-rikors guramentat promotur u bl-avviz relattiv ghas-smigh, (ara foll 9), u *nonostante* dan baqa' fi stat ta' kontumacja;

3. Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti li ikkonferma bil-gurament il-fatti esposti fl-istess rikors promotur minnu pprezentat;

4. Awtorizzat lill-intimat jaghmel, jekk irid, is-sottomissjonijiet tieghu fir-rigward ai termini tal-artiklu 170(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fit-terminu hemm prefissat, (ara foll 13);

5. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

6. Semghet lill-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti fir-rigward:

Ikkunsidrat:

7.0. Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprova l-kaz tieghu bil-konferma mill-gdid tar-rikors guramentat tieghu, u konsegwentement:

**DECIDE:**

7.1. Tiddikjara s-sentenza fl-ismijiet ***Renald Micallef vs. Paul Caruana***, (Citazzjoni Numru: 2435/1998), datata t-***30 ta' Mejju, 2003***, esegwibbli;

7.2. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat Paul Caruana.

___________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**